31999R2789

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2789/1999

tat-22 ta' Diċembru 1999

li jistabbilixxi *standards* ta' *marketing* għall-għeneb tal-mejda

IL-KUMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1257/1999 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Billi:

(1) l-għeneb tal-mejda jinsab mal-prodotti elenkati fl-Anness I li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 2200/96 li dwaru livelli għandhom jiġu adottati. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1730/87 jipprovdi għall-livelli ta' kwalità għall-għeneb tal-mejda [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 888/97 [4], ġie emendat ta' spiss u ma jistgħax aktar jiżgura legalità ċara;

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 1730/87 għandu jiġi mħassar u r-regoli li fih jerġgħu jiġu magħmula mill-ġdid. Għal dak il-għan u fl-interess li tinżamm it-trasparenza fis-suq dinji, għandu jittieħed kont tal-livell tal-għeneb tal-mejda rakkomandat mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istandardizzazzjoni ta' Prodotti li Jiħżienu u l-Iżvilupp tal-Kwalità tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UN/ECE);

(3) l-applikazzjoni ta' dan il-livell għandha tirriżulta f'li prodotti ta' kwalità mhux sodisfaċjenti jitneħħew mis-suq, u twassl il produzzjoni f'livell tal-ħtiġiet tal-konsumatur u tiffaċilita r-relazzjonijiet tal-kummerċ bażati fuq kompetizzjoni ġusta, b'ħekk tgħin li titjieb il-profittabilità tal-produzzjoni;

(4) il-livell għandu japplika fl-istadji kollha tas-suq. Trasport f'distanza twila, ħażna matul ċertu perjodu u l-proċessi varji li l-prodotti jgħaddu minnhom jistgħu jikkawżaw ċertu tibdil minħabba l-iżvilupp bijoloġiku tal-prodoti jew in-natura tagħhom li relattivament jeħżienu malajr. Għandu jittieħed kont ta' dak it-taħsir meta jiġi applikat il-livell fl-istadji ta'marketing li jieħdu wara li jintbagħtu. Minħabba li prodotti fil-klassi "Extra" għandhom jiġu magħżula u ppakkeġġati b'kura partikolari, għandu jittieħed kont biss tal-freskezza u n-nefħa fil-każ tagħhom;

(5) hemm talba li qiegħda tiżviluppa għall-pakketti żgħar li jkun fihom għeneb tal-mejda ta' oriġini u verjetajiet differenti. Din it-tip ta' preżentazzjoni għandha għalhekk tkun awtorizzata għall-għeneb tal-mejda, u d-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-immarkar għandhom jiġu hekk aġġustati;

(6) Il-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Frott u l-Ħxejjex Friski,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-livell ta' marketing għall-għeneb tal-mejda li huwa fil-kodifika NM 0806 10 10 għandu jkun dak preskritt fl-Anness.

Dan il-livell għandu japplika fl-istadji kollha ta' marketing skond il-kondizzjonijiet ġreskritti fir-Regolament (KE) Nru 2200/96.

Iżda, fl-isadji wara li jinbagħtu, l-prodotti jistgħu juru b'relazzjoni mal-ħtiġiet tal-livell:

— nuqqas ħafif tal-freskezza u l-qawwa fin-nefħa,

— għall-prodotti mqassma fi' klassijiet ħlief dawk tal-klassi "Extra", deterjorazzjoni ħafifa dovuta għall-iżvilupp tagħhom u t-tendenza li jiħżienu.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 1730/87 huwa hawnhekk imħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mill-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-dħul tiegħu fis-seħħ.

[1] ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.
[2] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 80.
[3] ĠU L 163, ta' l-4.6.1998, p. 25.
[4] ĠU L 126, tat-18.3.1998, p. 11.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

LIVELL TA' KWALITÀ GĦALL-GĦENEB TAL-MEJDA

I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan il-livell japplika għall-għeneb tal-mejda tal-varjetajiet (*cultivars*) imkabbar minn *Vitis vinifera L.* li għandu jiġi provdut frisk lill-konsumatur, b'għeneb tal-mejda għall-ipproċessar industrijali ikun eskluż.

II. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-KWALITA

L-għan ta' dan il-livell huwa li jfisser il-ħtiġiet tal-kwalità għall-għeneb tal-mejda wara l-preparazzjoni u pakkeġġar.

A. **Ħteġijiet minimi**

Fil-klassijiet kollha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali għal kull klasssi u t-tolleranzi permessi, għenieqed u frott żgħir għandhom ikunu:

— b'saħħtu; il-prodott affettwat mit-tinwir jew mid-deterjorazzjoni hekk li jagħmlu mhux tajjeb għall-konsum jiġi mwarrab,

— nadif, prattikament ħieles għal kollox minn kull materjal barrani li jidher,

— prattikment ħieles mid-dud u l-insetti qerrieda,

— prattikament ħieles mill-ħsara kawżata mid-dud u l-insetti qerrieda,

— ħieles minn umdita mhux tas-soltu fuq barra,

— ħieles minn kull riħa u/jew togħma barranin.

B'żida, l-frott żgħir għandu jkun

— bla mittiefes (intatt),

— iffurmat sew,

— żviluppat normali.

Tibdil ta' kulur minħabba x-xemx mhux difett.

L-għenieqed għandhom ikunu maqtugħa bil-galbu.

L-għeneb tal-mejda għandu jkun żviluppa suffiċjentement u jkun sar biżżejjed. L-iżvilupp u l-kondizzjoni tal-għeneb tal-mejda għandu jkun tali li jippermetti:

— li jkun jiflaħ għat-trasport u l-immaniġġar,

u

— jasal f'kondizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. **Klassifika**

L-għeneb tal-mejda għandu ikun klassifikat fit-tlett klassijiet mfissra hawn taħt:

(i) *Klassi "Extra"*

L-għeneb tal-mejda f'din il-klassi għandu jkun ta' kwalità superjuri. Fil-forma, l-iżvilupp u l-kulur tal-għenieqed għandhom ikunu tipiċi tal-varjetà, skond id-distrett li fih ikunu tkabbru, u m'għandux ikollhom difetti. Il-frott Iż-żgħir għandu jkun sod, mwaħħal sew, imqassam indaqs matul iz-zokk u jkollhom in-nwar tagħhom prattikamnt intatti.

(ii) *Klassi I*

L-għeneb tal-mejda f'din il-klassi għandu jkun ta' kwalità tajba. Fil-forma, l-iżvilupp u l-kulur tal-għenieqed għandhom ikunu tipiċi tal-varjetà, skond id-distrett li fih ikunu tkabbru. Il-frott iż-żgħir għandu jkun sod, mwaħħal sew u, sa fejn hu possibbli, jkollhom in-nwar tagħhom prattikamnt intatti. Jistgħu, iżda, ikunu anqas imqassmin indaqs matul iz-zokk minn dawk tal-klassi "Extra".

Dawn id-difetti żgħar li ġejjin, iżda, jistgħu jiġu permessi, sakemm dawn ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, il-kwalità li jżomm, u l-preżentazzjoni tal-pakkett:

— difetti żgħar fil-forma,

— difetti żgħar fil-kulur,

— skorċa tax-xemx ħafifa ħafna li taffettwa biss il-qoxra.

(iii) *Klassi II*

Din il-klassi tinkludi għeneb tal-mejda li ma jkunx jikkwalifika għall-klassijiet ogħla, iżda li jkun jissodisfa l-ħtiġiet minimi speċifikati hawn fuq.

L-għenieqed jista' jkollhom difetti żgħar fil-forma, l-iżvilupp u l-kulur, sakemm dawn ma jħassrux il-karatteristiċi essenzjali tal-varjetà, skond id-distrett li fih ikunu tkabbru.

Il-frott iż-żgħir għandu jkun suffiċjentement sod u suffiċjentement imqabbad, u, fejn possibbli, ikunu għadhom bin-nwar. Jistgħu jkunu anqas imqassmin indaqs matul iz-zokk minn dawk tal-Klassi I.

Id-difetti li ġejjin huma permessi sakemm l-għeneb tal-mejda iżomm il-karatteristiċi essenzjali tiegħu rigward il-kwalità, il-kwalità li jżomm u l-preżentazzjoni:

— difetti fil-forma,

— difetti fil-kulur,

— skorċa tax-xemx ħafifa li taffettwa biss il-qoxra.

— brix ħafif,

— difetti ħfief fil-qoxra.

III. DISPOSIZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW ID-DAQS

Id-daqs huwa stabbilit skond il-piż ta' l-għanqud

Il-ħtiġiet minimi ta' daqs għal kull għanqud huma definiti għall-għeneb tal-mejda mkabbar taħt il-ħġieġ u għeneb tal-mejda mkabbar fil-miftuħ, varjetajiet ta' *ċawsli* kbar jew *ċawsli* żgħar rispettivament.

	Għeneb tal-mejda imkabbar taħt il-ħġieġ	Għeneb imkabbar fil-miftuħ	
		Varjetajiet ta' ċawsli kbar	Varjetajiet ċawsli żgħar
Klassi "Extra"	300 grammi	200 grammi	150 grammi
Klassi I	250 grammi	150 grammi	100 grammi
Klassi II	150 grammi	100 grammi	75 grammi

Lista tal-varjetajiet imkabbra taħt il-ħġieġ u varjetajiet ta' *ċawsli* kbar u *ċawsli* żgħar mkabbra fil-miftuħ jidhru fl-Appendiċi li jinsab ma' dan il-livell.

Għall-klassijiet kollha: f'kull pakkett żgħir li ma jkunx jeċċedi l-kilo piż nett, għanqud wieħed skond il-ħtiġiet minimi ta' piż huwa permess biex jaġġusta l-piż indikat, sakemm l-għanqud ikun jikkonforma mal-ħtiġiet l-oħra kollha għall-klassi speċifikata.

Meta l-isem tal-varjetà fl-immarkar ma jkunx jidher fil-lista fl-AppendiċI hawn meħmuż il-piż minimu għall-varjetajiet ta' ċawsli kbar huwa meħtieġ.

IV. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IT-TOLLERANZI

Jistgħu jiġu permessi tolleranzi rigward il-kwalita f'kull pakkeġġ tal-prodott li ma jissodisfax il-ħteġijiet tal-klassi indikata,

A. **Tolleranzi għall-kwalita**

(i) *Klassi "Extra"*

5 % skond il-piż ta' għenieqed li ma jissodisfawx il-ħtiġiet tal-klassi, iżda li jilħqu dawk tal-Klassi I jew, eċċezzjonalment, li jidħlu fit-tolleranzi ta' dik il-klassi.

(ii) *Klassi I*

10 % skond il-piż ta' għenieqed li ma jissodisfawx il-ħtiġiet tal-klassi, iżda li jilħqu dawk tal-Klassi II jew, eċċezzjonalment, li jidħlu fit-tolleranzi ta' dik il-klassi.

(ii) *Klassi II*

10 % skond il-piż ta' għenieqed li ma jissodisfawx la l-ħtiġiet tal-klassi lanqas il-ħtiġiet minimi, bl-eċċezzjoni ta' prodotti affettwati bi ħassir jew xi taħsir ieħor li jagħmluhom mhux tajba għall-konsum.

B. **Tolleranzi għad-daqs**

(i) *Klassi "Extra" u Klassi I*

10 % skond il-piż li ma jissodisfawx il-ħtiġiet tad-daqs tal-klassi; iżda li jilħqu dawk tal-klassi minnufih taħtha.

(ii) *Klassi II*

10 % skond il-piż li ma jissodisfawx il-ħtiġiet tad-daqs tal-klassi iżda li jkunu jiżnu mhux anqas minn 75 g.

V. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-PREŻENTAZZJONI

A. **L-uniformita**

Il-kontenut ta' kull pakkett għandu jkun uniformi u jkun fih biss għenieqed ta' l-istess oriġini, varjetà, kwalità u grad ta' tisjir.

Għall-prodotti preżentati f'pakketti żgħar ta' piż nett ta' mhux aktar minn1 kg, l-uniformità tal-varjeta u l-oriġini m'humiex meħtieġa.

Fil-każ tal-Klassi "Extra", l-għenieqed għandhom bejn wieħed u ieħor ikunu ta' l-istess daqs u kulur.

Il-parti li tidher tal-kontenut tal-pakkeġġ trid tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

B. **Il-pakkjar**

L-għeneb tal-mejda għandu jkun ippakkjat b'dak il-mod li jkun jipproteġi sew il-prodott.

Fil-każ tal-Klassi "Extra", l-għenieqed għandhom ikunu ppakkjati f'saff wieħed.

Il-materjali wżati ġewwa l-pakkeġġ iridu jkunu ġodda, nodfa u tal-kwalita hekk li jevitaw milli jikkawżaw kull ħsara fuq barra u fuq ġewwa tal-prodott. L-użu ta' materjali, partikolarment karti jew stampi, li jkollhom speċifikazzjonijiet tal-kummerċ huwa permess sakemm l-istampar jew ittekkatjar ikun sar b'linka jew kolla li ma' tkunx velenuża.

Il-paketti għandhom ikunu ħielsa minn kull materjal barrani, għalkemm biċċa żarġun tad-dielja li ma jkun itwal mnn 5 ċm jista' jitħalla fuq iz-zokk ta' l-għanuq bħala għamla ta' preżentazzjoni speċjali.

VI. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-BEJGĦ FIS-SUQ

Kull pakkett għandu jkollu fuqu l-partikolaritajiet li ġejjin f'ittri gruppati fuq l-istess naħa, li jkunu jinqraw u mmarkati b'mod li ma jitħassarx, u jidhru minn barra:

A. **L-identifikazzjoni**

— Min jippakkjhom u/jew jibgħathom L-isem u l-indirizz jew il-marka uffiċjali jew aċċettata tal-kodiċi. Iżda, meta kodifika (simbolu) tintuża, il-kliem "pakeġġjatur u/jew min jibgħathom" (jew b'mod ekwivalenti fil-qosor) għandhom jidhru viċin il-kodifika (simbolu).

B. **In-natura tal-prodott**

— "Għeneb tal-Mejda", jekk il-kontenut ma jkunx jidher minn barra,

— l-isem tal-varjetà jew, fejn japplika, l-varjetatjiet.

C. **L-orġini tal-prodott**

— Pajjiż (jew, fejn japplika, pajjiżi) tal-oriġini u, min irid, id-distrett fejn imkabbar, jew l-isem nazzjonali, reġjonali jew lokali tal-post.

D. **L-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali**

— Klassi.

E. **Il-marka uffiċjali tal-kontroll** (b'għażla)

Appendiċi

LISTI MHUX EŻAWRJENTI TAL-VARJETAJIET [1]

L-ismijiet mogħtija fil-parentesi huma sinonimi u jistgħu jiġu wżati ugwalmenti fuq il-pakkett.

1. Għeneb tal-mejda mkabbar taħt il-ħġieġ

   Alphonse Lavallée (Garnacha roya - Ribier)

   Black Alicante (Granacke - Granaxa - Grandaxa)

   Cardinal

   Canon Hall (Canon Hall Muscat)

   Colman (Gros Colman) (see 2(a) - Gros Colman)

   Frankenthal (ara 2(a) - Schiava Grossa)

   Golden Champion (ara 2(a) - Baresana)

   Gradisca (Gradiska)

   Gros Maroc

   Léopold III

   Muscat d'Alexandrie (ara 2(a))

   Muscat d'Hambourg (ara 2(b) Moscato d'Amburgo)

   Prof. Aberson

   Royal

2. Għeneb tal-mejda mkabbar fil-miftuħ

   (a) Varjetajiet kbar ta' ċawsli

   Aledo (New Cross - Real)

   Alphonse Lavallée (ara 1)

   Amasya Siyahi

   Angela (Angiola)

   Baresana (Duraca - Golden Champion - Lattuario bianco - Latuario bianco - Littuario bianco - Turchesa Turchesca - Uva di Bisceglie - Uva rosa - Uva Turca - Varesana)

   Barlinka

   Bicane (Napoléon - Perle Impériale - Weisser Damaszaner - Zanta)

   Bien Donné

   Blanc d'Edessa (Edessis - Amasya)

   Bonheur

   Calmeria

   Cardinal

   Coarna noir

   Dabouki (Barbaroui - Khalili - Salti)

   Danam

   Dan Ben-Hannah (Black Emperor)

   Danlas

   Datal

   Dauphine

   Diagalves (Dependura - Formosa - Pendura - Villanueva)

   Dimiat (Damiat - Zoumiatico)

   Dominga (Gloria - Murciana blanca - Uva verde de Alhama)

   Dona Maria (D. Maria)

   Emperor (Emperador - Genova - Red Emperador - Red Emperor)

[1] Xi whud mill-ismijiet inklużi f'dawn il-listi ta' varjetajiet jistgħu jindikaw trade marks reġistrati u patentati f'xi pajjiżi.

Erenköy Beyazi

Erlihane

Ferral

Flame Tokay

Gemre (Pembe Gemre)

Golden Hill

Gros Colman (Colman Frueher Waelscher - Gros Colmar - Triomphle)

Hönüsü

Ignea (I. Pirovano 185)

Imperial Napoleon (Doña Mariana - Mariana)

Italia (Dona Sofia - Idéal - Italian muscat - I. Pirovano 65 - Moscatel Italiano)

Kozak Beyazi

La Rochelle

Lival

Matilde

Michele Palieri

Muscat d'Alexandrie (Moscatellone - Moscatel Romano - Muscat Gordo bianco - Muscat de Grano Gordo - Muscat d'Espagne - Muscat Romano - Muscat blanc d'Alexandrië - Muskaat van Alexandrië - Salamanna - Seramanna - White Hanepoot - Witte Muskaat - Zibibbo)

Muscat Madame Mathiasz (Madame Jean Mathiaz)

Muscat Supreme

Ohanes (Almería - Blanca Legitima - Ohanez - Uva de Almeiria - Uva di Almeria - Uva de Embarque - Uva del Barco)

Olivette blanche (Bridal - Olivette de Montpellier - Olivette de Vendemian)

Olivette noire (Olivetta nera - Olivetta Vibonese - Cornichon - Preta - Purple Cornichon)

Pannonia (Pannonia Gold)

Peck

Perlona (I. Pirovano 54)

Phraoula (Fraoula - Phraoula Kokkini - Phraoula radini)

Planta Nova (Coma - Tardana - Tortazon)

Prune de Cazouls

Ragol (Ahmeur bou Ahmeur - Angelina - Argelina - Imperial roja - Uva de Ragol)

Razaki

Red Globe

Regina (Afouz Ali - Afis Ali - Afuz Ali - Aleppo - Bolgar - Dattier de Beyrouth - Dattero di Negroponte Galleta - Hafis Ali - Inzolia imperiale - Karaboumou - Kararubun - Mennavacca bianca - Parchitana - Pergolona - Regina di Puglia - Reine - Rasaki - Rosaki blanc - Rosetti - Uva Real - Waltham Cross)

Regina nera (Mennavacca nera - Lattuario nero - Olivettona - Regina negra - Rosaki noir)

Ribol

Ronelle (Black Gem)

Salba

Schiava grossa (Black Hambourg - Frankenthal - Gross Vernatsch - Imperator - Lamper - Schiavone Trollinger)

Sonita

Sugrafive (Early superior seedless)

Sugraone (Superior seedless)

Sunred Seedless

Tchaouch (Chaouch - Parc de Versailles - Tsaoussi)

Verico

Victoria

(a) Varjetajiet żgħar ta' ċawsli

Admirable de Courtiller (Admirable - Csiri Csuri)

Albillo (Acerba - Albuela - Blanco Ribera - Cagalon)

Angelo Pirovano (I. Pirovano 2)

Annamaria (I. Ubizzoni 4)

Baltali

Beba (Beba de los Santos - Eva)

Catalanesca (Catalanesa - Catalana - Uva Catalana)

Chasselas blanc (Chasselas doré - Fendant - Franceset - Franceseta - Gutedel - Krachgutedel - White van der Laan)

Chasselas rouge

Chelva (Chelva de Cebreros - Guareña - Mantuo - Villanueva)

Ciminnita (Cipro bianco)

Clairette (Blanquette - Malvoisie - Uva de Jijona)

Colombana bianca (Verdea - Colombana de Peccioli)

Dehlro

Delizia di Vaprio (I. Pirovano 46 A)

Flame Seedless (Red Flame)

Gros Vert (Abbondanza - St Jeannet - Trionfo dell'Esposizione - Verdal - Trionfo di Gerusalemme)

Jaoumet (Madeleine de St Jacques - Saint Jacques)

Madeleine (Angevine - Angevine Oberlin - Madeleine Angevine Oberlin - Republicain)

Mireille

Molinera (Besgano - Castiza - Molinera gorda)

Moscato d'Adda (Muscat d'Adda)

Moscato d'Amburgo (Black Muscat - Hambro - Hamburg - Hamburski Misket - Muscat d'Hambourg - Moscato Preto)

Moscato di Terracina (Moscato di Maccarese)

OEillade (Black Malvoisie - Cinsaut - Cinsault - Ottavianello - Sinso)

Panse precoce (Bianco di Foster - Foster's white - Sicilien)

Perla di Csaba (Càbski Biser - Julski muskat - Muscat Julius - Perle de Csaba)

Perlaut

Perlette

Pizzutello bianco (Aetonychi aspro - Coretto - Cornichon blanc - Rish Baba - Sperone di gallo - Teta di vacca)

Precoce de Malingre

Primus (I. Pirovano 7)

Prunesta (Bermestia nera - Pergola rossa - Pergolese di Tivoli)

Regina dei Vigneti (Königin der Weingrten - Muskat Szölöskertek Kizalyneja - Szölöskertek Kizalyneh - Rasaki ourgarias - Regina Villoz - Reina de las Viñas - Reine des Vignes - I. Mathiasz 140 - Queen of the Vineyards)

Servant (Servan - Servant di Spagna)

Sideritis (Sidiritis)

Sultanines (Bidaneh - Kishmich - Kis Mis - Sultan - Sultana - Sultani - Cekirdesksiz - Sultanina bianca - Sultaniye - Thompson Seedless and mutations)

Valenci blanc (Valensi - Valency - Panse blanche)

Valenci noir (Planta Mula - Rucial de Mula - Valenci negro)

Yapincak